Dispożittiv

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Diċembru 2010 — Wilo vs UASI (Kaxxa tal-krank (crankcase) b'uċuħ ta' mutur elettriku u rappreżentazzjoni ta' wċuħ ħodor)

(Kawżi magħquda T-253/09 u T-254/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Kaxxa tal-krank (crankcase) b'uċuħ ta' mutur elettriku — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta wċuħ ħodor — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar Regolament (KE) Nru 207/2009)"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 29, 42)

Suġġett

Żewġ rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Marzu 2009 (Każijiet R 1184/2008-1 u R 1196/2008-1), dwar applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' kaxxa tal-krank (crankcase) b'uċuħ ta' mutur elettriku u ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta wċuħ ħodor.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Wilo SE
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark tridimensjonali kkostitwita mill-forma ta' kaxxa tal-krank (crankcase) b'uċuħ ta' mutur elettriku, għall-prodotti fil-klassijiet 7 u 11 u t-trade mark figurattiva li tirrappreżenta wċuħ ħodor, għall-prodotti fil-klassijiet 7, 9 u 11 — Applikazzjonijiet Nru 5805692 u Nru 5620001
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjonijiet irrifjutati
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appelli miċħuda

Dispożittiv

1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

2) Wilo SE hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Diċembru 2010 — Fédération internationale des logis vs UASI (Kwadru konvess aħdar)

(Kawża T-282/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta kwadru konvess aħdar — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"